MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' April, 2014

Numru. 397/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Jason Francis Sultana**

**Spettur Sandro Millo**

**VS**

**Omar Osman Omar, iben Osman u Philistin, imwieled is-Somalia nhar l-1 ta' Jannar, 1979, residenti fil-fond numru 109, Triq Sant'Ursula, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 74356A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Omar Osman Omar**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta’ April, 2014, f’dawn il-Gzejjer, f’xi hin bejn is-2.30am u 03.45am, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fuq opra tal-bahar bl-isem ‘La Ayazula’, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-valur, liema ammont huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’ Husnibay Houda ta’ nazzjonalita’ Libjana, u/jew persuna/i u/jew entita’ jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(e)(f), 267, 269(e), 270, 279(b), u 280(1);

2. U aktar talli f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b ‘qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju, l-imputat wiegeb illi kien hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u dan wara li nghata zmien mill-Qorti sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Rat illi r-res furtiva fil-maggor parti, cioe’ lap top u mobile phone, giet ritornata lid-derubati; kif ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni, u ddikjara li huwa wkoll lest ikompli jikkopera, fis-sens illi lest li juri lill-pulizija min kien l-aktar involut.

Ikkonsidrat:

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni minnu kkonfermata, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Omar Osman Omar** hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 270, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi tilliberah mir-reat ta’ ricettazzjoni in kwantu tqis l-addebitu bhala wiehed alternattiv;

Rat il-fedina penali tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 31 tal-imsemmi Kap, u qiegħda tikkundanna lil **Omar Osman Omar** għal piena ta' tmintax(18)-il xahar habs effettivi.

Tilliberah mit-tieni akkuza in kwantu tqis dik bħala waħda alternattiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------